MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 858/2004

**Sweetsource Ltd**

**vs**

**Yose Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm435.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh li gie effetwat lilu mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, anke tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru 2003, u bl-interessi mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm435.68)., bl-imghax pagabbli mid-data tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Novembru 2003.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ Novembru 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------